# TRIBUNAL INDUSTRIJALI
# DEĊIŻJONI NRU 1713

Kaz Nru 2339/FM

Fil-Kwistjoni tax-Xogħol

bejn

Carmel Schembri

u

Vassallo & Xuereb Limited

dwar tkeċċija mill-impieg
allegata li hi nġusta

Data: 26 ta' Lulju 2006

**Chairman: Franco Masini**

## 1. Introduzzjoni

Dan il-każ ġie intavolat fid-29 ta' Diċembru 2005 permezz ta' rikors mill-Avukat Ian J. Stafrace f'isem Carmel Schembri fejn ġie allegat li dan kien tkeċċa inġustament mill-impieg tiegħu minn mas-soċjetà appellata Vassallo & Xuereb Ltd fit-2 ta' Settembru 2005. Il-Kumpanija Appellata, li kienet rapprezentata minn Jimmy Vassallo, direttur, assistit mill-Avukat Edward Gatt, innegat dan. Inżammu ħames seduti.

Ai termini tal-Artikolu 78(1) tal-Kap 452 irid jingħad illi minħabba differimenti li ntalbu waqt is-smiegħ kif ukoll minħabba nuqqasijiet infrastrutturali t-Tribunal ma kienx f'pożizzjoni li jisma u jiddeċidi l-każ fiż-żmien preskritt.

## 2. Fatti tal-każ

L-Appellant jgħid illi huwa ġie liċenzjat fit-2 ta' Settembru 2005 għaliex l-impieg tiegħu "wasal fi tmiemu" (Dok A). Huwa jgħid ukoll illi tħallas biss ta' gimgħa *notice* u mhux dak dovut skond il-liġi. Dan kien ifisser illi huwa kien dikjarat *redundant*. F'dan il-każ kienet miksura l-liġi għaliex kienu ġew impjegati tnejn min-nies oħra wara t-tluq tiegħu biex jagħmlu l-istess xogħol li kien jagħmel hu. Għaldaqstant kien qed jitlob li jiġi reintegrat fl-impieg tiegħu jew jitħallas kumpens xieraq.

Il-Kumpanija Appellata mill-banda l-oħra tirritjeni li l-liċenzjament tiegħu ma kienx minħabba *redundancy* iżda kien minħabba li ma kienx jagħmel ix-xogħol kif kien ordnat jagħmel u kif meħtieġ.

## 3. Konsiderazzjonijiet

Affaċċjat miż-żewġ opinjonijiet konfliġġenti t-Tribunal ried l-ewwel jeżamina x'kienet verament ir-raġuni tal-liċenzjament ta' l-Appellant. Dana jorbot il-każ tiegħu mal-fatt li d-diċitura fl-ittra tat-terminazzjoni ġia ċitata kienet tindika li spiċċa x-xogħol għalih. Hemm ukoll il-fatt li l-Appellant kien irċieva xi forma ta' *notice money*. Mill-banda l-oħra l-Kumpanija Appellata ppreżentat provi li allegatament juru li l-Appellant kien inkompetenti f'xogħolu u dan irrendih soggett għat-tkeċċija mill-impieg. Skond il-Kumpanija Appellata l-ħlas li sar kien dwar frank li kien għad irid jingħatalu u mhux tan-*notice*. It-Tribunal Industrijali ma jirriżultalux illi dan kien każ ta' *redundancy* għax l-elementi li normalment wieħed jassoċja magħha, bħal nuqqas ta' xogħol jew riduzzjoni tan-numru ta' ħaddiema, ma jeżiżtux. Barra min hekk il-formula ta' tmiem ta' impieg tal-ETC kontrofirmata, minn l-istess Appellant (Dok JV3) tgħid testwalment "Nuqqas ta' kapaċità waqt xogħolu" Għaldaqstant dan il-każ qed jiġi konsiderat bħala wieħed ta' tkeċċija għal raġuni mhux ġusta.

Il-komportament tal-Appellant waqt il-ħajja lavorattiva mal-Kumpanijja Appellata ġie eżaminat b'mod dettaljat waqt is-smiegħ tal-provi u t-trattażżjoni. It-Tribunal eżmina bir-reqqa kif beda jaħdem l-Appellant mal-Kumpanija Appellata. Jidher li meta l-Appellant offra s-servizzi tiegħu lill-Kumpanijja Appellata din aċċettatu bla ma aċċertat ruħha sewwa dwar l-abbiltà tiegħu għal dak li għandu x'jaqsam ma' *blasting*. Għad li wieħed jista jakkuża lill-Kumpanija Appellata b'*culpa in eligendo* u li ma tatx biżżejjed taħriġ lill-Appellant mill-banda l-oħra ħareġ ċar li għall-ewwel l-istess Appellant kien jagħmel xogħolu sewwa. Dan ifisser illi inizjalment kollox kien miexi tajjeb. Iżda imbagħad ix-xogħol tal-Appellant beda jiddeterjora. Għaliex dan ġara ma ħariġx ċar għad li t-Tribunal stess staqsa b'ċerta insistenza. Li jirriżulta sgur huwa li l-Appellant kien qed jagħti xogħol ħażin meta kien jaħdem bħala *blaster* u dan ammettih hu stess (seduta tad-29 ta' Marzu 2006 fol.65-66). Tant li l-Kumpanija Appellata kellha tibdillu xogħolu. Fil-fatt irrimpjazzatu b'persuna oħra. Jirrizulta wkoll illi anke fix-xogħol ġdid tiegħu l-Appellant kompla juri ċerti nuqqasijiet li finalment ġiegħel lill-Kumpanijja Appellata li tilliċenzjah.

It-Tribunal Industrijali iqis illi l-komportament tal-Appellant kien tali li ma ħalla lill-Kumpanijja Appellata l-ebda alternattiva ħlief li tilliċenzjah. Din id-deċiżjoni ma kienitx meħudha fis-saħna tal-mument iżda immaturat fuq ċertu perijodu u l-Kumpanija Appellata ħadet biżżejjet paċenzja u fil-fatt tat lill-Appellant ċans biex ifittex post ma' prinċipal ieħor.

## 4. Deċiżjoni

It-Tribunal Industrijali isib li l-liċenzjament tal-Appellant Carmel Schembri minn mal-Kumpanija Appellata Vassallo and Xuereb Ltd. kien għal raġuni ġusta u suffiċjenti.

B'hekk jintemm dan il-każ.

## 5. Drittijiet

Għall-iskop tal-Avviż Legali Numru 48 tal-1986 it-Tribunal jillikwida d-drittijiet ta' min assista lill-partijiet fl-ammont ta' £M40 kull wieħed.

Franco Masini
Chairman

Mary Rose Galea
A/Segretarju